MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR. JOSEPH BONNICI

Seduta tad-9 ta' Jannar, 2006

Talba Numru. 584/2005

**Sciberras Sergio (ID 96071M)**

**Vs**

**Zahra Jason (ID 249479M)**

It-Tribunal,

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-1 ta’ Marzu 2005 fejn l-attur talab sabiex il-konvenut ihallas is-somma ta’ Lm95.08 (hamsa u disghin Lira Maltin u tmien centezmi) rapprezentanti ta’ prezz ta’ merkanzija mibjugha u kkonsenjata.

Fl-Avviz tat-talba intqal li:-

Il-hlas tas-somma ta’ hamsa u disghin lira Maltija u tmein centezmi (Lm95.08) rapprezentanti l-prezz ta’ merkanzija mibjugha u kkonsenjata lid-debitur fuq inkarigu tieghu u sa

llum mhux imhallsa nonostante diversi interpellazzjonijiet, bl-ispejjez kollha inkluz bil-mandat ta' qbid pprezentat kontestwalment ma dan l-att u bl-imghax kummercjali mid-dati taz-zewg atturi hawn annessi u mmarkati dok 'A' u 'B', kollox kontra l-konvenut li hu ngunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta fejn inghad:-

Illi preliminarjament t-talbiet attrici huma nfondati fid-dritt stante illi huma preskritti bil-preskrizzjoni kwindennali a tenur ta' l-artikolu 2156.f tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Salv eccezzjonjiet ulterjuri.

Sema` x-xhieda u ezamina d-dokumenti.

Ikkonsidra:

Illi l-unika eccezzjoni moghtija mill-konvenut tikkonferma l-preskrizzjoni kwinkwennali ai termini tal-Art. 2156 (f) tal-Kap. 16.

Meta l-attur gie rinfaccjat b'tali eccezzjoni sta a lui li jipprova s-sospensjoni jew l-interruzjoni taghha. Mhux talli ma giex mghoti l-gurament decisorio izda l-konvenut stess ghazel de proprio li jixhed.

Issir riferenza ghal kawza fl-ismijiet Melbourne Garage Ltd vs AIC Lawrence Montebello deciza minn dan it-Tribunal stess. Sua volta ma tigix pruvata in ammissjoni u / jew pagament akkont jew interruzzjoni b'att gudizjarju, it-talba attrici ma tkunx tista' tintlaqa'.

Jiddeciedi billi jilqa' l-eccezzjoni tal-konvenut, jichad it-talba attrici, l-ispejjes bla taxxa bejn il-partijiet in vista tac-cirkkostanzi tal-kaz.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------